# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2756

**Kaz Nru. 3286/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Johann Briffa (ID 527777 (M) )**

**u**

**Bay Street Hotel Complex Ltd (C26451)**

**(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Johann Briffa li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fis-27 ta' Awissu, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Abigail Critien u ghas-socjeta ntimata deher l-Avv. Chris Cilia.**

**Fl’istqarrija tal-Kaz tar-rikorrent gie ddikjarat li ntavola l-kaz tieghu kontra zewg kumpaniji; Bay Street Holding Limited (C 12058) u kontra Bay Street Hotel Complex Limited (C 26451).**

**Ir-rikorrent jghid ukoll, li kien impjegat mas-socjetajiet intimati jew ma wahda minnhom fis-sena 2000. Huwa jghid ukoll, li originarjament kien impjegat bhala Customer Care Officer u aktar tard kien inghata l-grad ta’ Fire, Safety and Security Manager liema mpieg kien fuq bazi ta’ full-time.**

**Fl’istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li l-impieg tieghu kien gie tterminat fit-3 ta’ Gunju, 2014 u r-raguni li giet moghtija mill-management kienet ta’ sensja (redundancy). Huwa jghid ukoll, li x-xoghol tieghu ma kienx minnu li gie redundant ghax kien hemm persuni ohra li gew impjegati warjah u ghaldaqstant ma giex applikat il-principju ta’ last in first out.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl’istqarrija tal-kaz tieghu, li x-xoghol kollu li kellu kien qed isir minn persuna li dahlet fl-impieg wara li huwa gie ssensjat u kull ma nbidel kien biss it-titolu li nghata din il-persuna li bdiet twettaq ix-xoghol li kellu. Ghaldaqstant, huwa jghid li t-terminazzjoni ta’ l-impieg tieghu kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**Is-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li preliminarjament il-kaz ghandu jigi nullat peress li l-proceduri nfethu kontra zewg entitajiet meta r-rikorrent kien impjegat ma employer wiehed u mhux ma tnejn.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent kien impjegat ma Bay Street Hotel Complex Limited u mhux ma Bay Street Holdings Limited.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li kienet ghamlet ezercizzju ta' ristrutturar li minnu rrizulta li r-rowl ta' Johan Briffa bhala Fire, Safety & Security Manager ma kienx izjed mehtieg u dan peress li x-xoghol li huwa kien jaghmel gie assorbit minn persuni ohra li jahdmu mas-socjeta u minn entita ta' security li tipprovdi servizzi f'dan il-qasam lis-socjeta.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li rigward xoghol relatat ma fire, health and safety diga kien hemm konsulent li kien jaghti konsulenza lis-socjeta f'dan ir-rigward u tali konsulent baqa jippresta dan l-istess servizz pero giet imnaqqsa l-fee tieghu minn €450 ghal €150 fix-xahar.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li in oltre ghal dak li jirrigwardja xoghol relatat ma security, ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent gie internament assorbit "at no added cost" mill-kumpanija li tipprovdi security services**

**lis-socjeta u ghal dak ix-xoghol amministrattiv li jirrigwardja l-organizazzjoni tas-security gie assorbit ukoll mill-Operations Manager u mid-Duty Manager tas-socjeta minghajr ma gew involuti spejjez zejda.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li tinnega dak li qed jghid ir-rikorrent li giet mpjegata persuna ohra biex tghamel ix-xoghol li kien jghamel hu.**

**Fl'istqarrija tal-kaz taghha Is-socjeta tkompli tghid, li permezz ta' l-ezercizzju ta' ristrutturar li sar tnaqqsu b'mod sostanzjali l-ispejjez tas-socjeta billi ffrankat il-paga tar-rikorrent minghajr ma gew involuti spejjez godda jew ulterjuri u ghaldaqstant kien invista ta' dawn ic-cirkostanzi li r-rikorrenti gie ddikjarat redundant.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti kien gie offrut ghajnuna biex jigi ngaggat mal-kumpanija li tipprovdi s-servizzi tas-security lis-socjeta ntimata u dan sabiex ir-rikorrent ma jsibx ruhu minghajr impjieg izda ir-rikorrent irrifjtua din l-offerta.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li hallset dak kollu li kien dovut lir-rikorrent u ghamlitlu ukoll reference letter li bis-sahha taghha sab impjieg iehor. Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li l-ghan ewlieni ta' l-ezercizzju li sar kien sabiex jigu ffrankati l-ispejjez lil kumpanija.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien impjegat mal-Bay Street Hotel Complex Limited (C 26451) ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali ddecieda li jinbidel l-Occhio tal-kaz biex jaqra Johann Briffa (ID 527777 (M) ) vs Bay Street Hotel Complex Limited ( C 26451 ).**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent kien ilu mpjegat mas-socjeta ntimata mis-sena 2000 u meta saret it-terminazzjoni ta' l-impjieg huwa kellu l-grad ta' Fire, Safety and Security Manager.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-socjeta sabiex tiffranka l'spejjez ddecidiet li tghamel risturazzjoni u re-organizazzjoni fl'operat taghha u nvista ta' dan hija ddecidiet li l-grad ta' Fire, Safety and Security Manager jispicca u d-doveri li kellu r-rikorrent jigu assorbiti fil-gradi ta' membri ohra tal-management tal-kumpanija u doveri ohra amministrattivi li jirrigwardjaw dawk ta' security gew mghoddija lil kumpanija privata ta' security li kienet diga qed topera fil-kumples tas-socjeta u dan minghajr ma sar hlas zejjed. Invista ta' din ir-riorganizazzjoni s-socjeta ddecidiet li tittermina l-impieg tar-rikorrent fuq bazi ta' redundancy.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management tas-socjeta ppropona lir-rikorrent li jekk ried setgha jghenu biex jigi ngaggat fil-grad ta' security mal-kumpanija privata tas-security li kienet qed topera fil-kumpless tas-socjeta u mill-provi jirrizulta wkoll li r-rikorrent ma accettax din l-offerta.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li mill-provi ma jirrizultax li kien hemm mpjegati mas-socjeta fl'istess kategorija tar-rikorrent li gew impjegati warajh.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dawr din il-kwestjoni tax-xoghol u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li fil-fhema ta' dan it-Tribunal Industrijali s-socjeta kellha dritt li tghamel risturazzjoni u ri-organizazzjoni tax-xoghol biex tiffranka l-ispejjez.**

**It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fhema ghar-raguni li fid-dinja kompetittiva biex tibqa kumpanija zzomm u timxi l'quddiem jehtieg li topera bl'aktar modd efficenti u effettiv bl'anqas spejjez possibbli.**

**Madanakollu, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema wkoll, li fil-waqt li ghandu jigi applikat l-principju li qed jigi msemmi hawn fuq pero xorta wahda c-centru ta' kull tibdiel ghandu jibqa l-haddiem u f'dak it-tibdiel li jirrikjedi li jsir ghandu jolqot mill-anqas possibbli lill impjegat.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota u japprezza l-isforzi tal-management li biex jghen lir-rikorrent ppropona li jghenu biex jigi mpjegat mal-kumpanija tas-securities li kienet qed tghamel ix-xoghol fil-kumples u t-Tribunal Industrijali jifhem ir-raguni li r-rikorrent irrifjuta din l-offerta u**

**dan ghar-raguni li r-relazzjoni tax-xoghol ma min ihaddmu kienet se tinbidel.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-aspett huwa tal-fhema, li ghalkemm il-grad ta' rikorrent spicca izda l-funzjonijiet tax-xoghol tieghu ma gewx aboliti u dawn gew imqassma lill diversi persuni ohra kif ukoll, li l-funzjoni ta' security kienet ghada tezisti u kienet qed tigi mwettqa minn kumpanija privata. Invista ta dan, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-offerta tas-socjeta lir-rikorrent kellha tkun li jibqa mpjegat mas-socjeta u jkollu l-grad tieghu rivedut ghal security, u jghamel xoghol biss ta' security, pero jigu riveduti wkoll il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu nkluz is-salarju biex jirriflettu d-doveri ta' anqas responsabilita li kien se jkollu meta jibda jghamel xoghol ta' security biss.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li b'dan il-modd il-kumpanija kienet xorta se tiffranka l-flus, ghax fil-waqt li r-rikorrent ikun impjegat mas-socjeta fil-grad ta' security hija kienet tnaqqas is-sieghat tax-xoghol tal-kumpanija privata u ghaldaqstant is-socjeta kienet tilhaq ukoll l-ghan taghha li tiffrranka il-flus.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li b'dan il-modd kellha tagixxi s-socjeta u fil-waqt li kienet tassigura ri-organizzazzjoni li riedet tghamel**

**biex tiffranka l-flus kienet ukoll tissalvagwardja l-impjieg tar-rikorrent ghalkemm b'kundizzjonijiet tax-xoghol u salarju differenti li kienu jirriflettu lr-responsabilitjiet godda li kienu jigu moghtija lillhu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent saret b'mod ingust u bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrent ghandhu jithallas kumpens ta' €4,600 (erbgha t'elef u sitt mitt euro) liema kumpens ghandu jithallas minghand Bay Street Hotel Complex Ltd (C 26451) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 16 ta' Settembru, 2021**